8 ta' Ottubru, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

A.I.C. Giuseppe Barbara et. *versus* Carmelo Mallia ne.

**"War Damage Commission" — Tiswijiet Temporanei — Art. 23, 20, u 19 (1) ta' l-Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra**

*Meta fi stabili danneġġjat bil-ħidma tal-gwerra jsiru tiswijiet temporanei, u l-War Damage Commission tħallas il-kumpens minnha maħruġ għal dawk it-tiswijiet, u dawk ix-xogħlijiet jkollhom neċessarjament jerġgħu jsiru meta ssir ir-rikostruzzjoni permanenti tal-fond, is-sid tal-fond għandu dritt għall-kumpens kollu dovut in konnessjoni ma' dik ir-rikostruzzjoni permanenti, mingħajr deduzzjoni tal-kumpens li l-Kummissjoni tkun ġa ħallset għal dawk it-tiswijiet temporanei li kellhom jiġu ripetuti biex setgħet issir ir-rikostruzzjoni permanenti.*

Il-Qorti;

Rat id-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' Marzu 1956, fejn jinsabu mniżżlin it-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjoni tal-intimat, u li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità opposta mill-intimat, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Omissis;

Ikkunsidrat;

Illi fuq il-fatti li taw lok għal dina l-kawża ma jidherx li hemm kontestazzjoni. L-imħażen in kwistjoni, meta kienu għadhom tal-Anglo-Maltese Bank, fi żmien il-gwerra

ġew serjament danneġġjati, u, kif jallegaw, bla ma ġew meruti, ir-rikorrenti, għal ċertu żmien dik il-lokalità tagħhom kienet ikkunsidrata "white area", u għalhekk mhux fabbrikabbli. Intant, fis-sena 1944 f'dawk l-imħażen saru ċerti tiswijiet, u fosthom dawk tar-rikostruzzjoni tas-soqfa; u l-War Damage Commission ħallset lill-Bank l-ispejjeż ta' dawk it-tiswijiet. Aktar tard, ir-rikorrenti kisbu minn għand il-Bank dawk l-imħażen, u ħadu ħsieb isewwu l-ħsara tal-gwerra li kien fihom. Fost ix-xogħolijiet tat-tiswija kien hemm il-ħatt u l-bini mill-ġdid tal-ħitan. Biex jinħattu u jerġgħu jinbnew dawk il-ħitan, kien hemm bżonn jitneħħew is-soqfa poġġuti fuqhom, u jerġgħu jsiru wara li jinbnew il-ħitan;

Il-Kummissjoni ammettiet li l-ħitan kellhom jinħattu u jinbnew mill-ġdid, u ammettiet li ta' dana r-rikorrenti kellhom id-dritt jitħallsu bħala ħsara tal-gwerra, iżda ċaħdet id-dritt tar-rikorrenti għall-ħlas tal-ħatt u rikostruzzjoni tas-soqfa, għar-raġuni li ġa kienet ħallset lill-Anglo-Maltese Bank, bħala preċedenti sid tal-imħażen, tat-tiswija tas-soqfa. Ir-rikorrenti jippretendu l-ħlas, għar-raġuni li jsostnu li dak li l-Kummissjoni kienet ħallset lill-Anglo-Maltese Bank kien ta' tiswijiet temporanei, fil-waqt li issa huma qegħdin jitolbu l-ħlas ta' xogħol permanenti ta' rikostruzzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, skond is-sezzjoni 23 tal-Ordinanza tal-Ħsarat tal-Gwerra jingħad: — "Meta jsir ħlas tan-nefqa ta' xogħolijiet...... dwar ħsara tal-gwerra lil xi art mibnija, minbarra dak il-ħlas, isir ħlas (...... imsejjaħ bħala 'ħlas għal xogħolijiet ta' ftit żmien') ta' ammont daqs in-nefqa xierqa ta' xi xogħlijiet magħmulin kif jixraq sabiex għal ftit żmien wieħed jilħaq maċ-ċirkustanzi maħluqin bil-ħsara, jiġifieri... xogħlijiet... magħmulin bejn meta tiġri l-ħsara u meta tissewwa għal dejjem". Dana l-ħlas huwa apparti mill-ħlas tax-xogħlijiet permanenti (sez. 19 (i));

Illi l-ħlas li sar lill-Anglo-Maltese Bank kien għal xogħol magħmul fiż-żmien bejn meta ġrat il-ħsara u meta saret ir-rikostruzzjoni permanenti, u sar biex evidentement ikun

jista' jsir użu tal-imħażen fl-aħħar sentejn tal-gwerra, bla ma b'daqshekk ġiet imsewwija b'mod permanenti l-ħsara. Li kieku l-ħsara ġiet allura msewwija b'mod permanenti, ma kienx ikun hemm lok ta' tiswija oħra. Il-fatt stess li, kif ammettiet il-Kummissjoni, il-ħitan kienu talment danneġġjati li kellhom jinħattu u jerġgħu jinbnew mill-ġdid, juri biċ-ċar li s-saqaf poġġut fuqhom, meta ġie msewwi fis-sena 1944, u qabel ma ġew rikostruwiti l-ħitan li kienu jsostnuhom, kien sar bħala xogħol ta' tiswija temporanea, inkwantokkè kellu ta' bilfors jitneħħa meta kellhom jinħattu biex jerġgħu jinbnew mill-ġdid il-ħitan, għax is-soqfa mingħajr il-ħitan taħthom ma jistgħux jinżammu fl-ajru. U tabilħaqq, meta ħaġa ssir bl-idea li titneħħa biex terġa' ssir mill-ġdid, hija fin-natura tagħha stess ħaġa temporanea, għax il-permanenza hija neċessarjament u impliċitament eskluża. U li fil-każ in ispeċje ix-xogħol tas-soqfa fis-sena 1944 kien ta' natura temporanea, u ntiż biex jilħaq maċ-ċirkustanzi ta' dak iż-żmien, jidher mill-fatt li allura l-lokalità ta' dawk l-imħażen kienet inkluża fil-"white area", u allura ma kienx hemm raġuni li jsiru rikostruzzjonijiet ta' natura permanenti. Għaldaqstant għandhom raġun ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni lill-Bank ħallsitu tat-tiswija tas-soqfa bħala xogħol "ta' ftit żmien", jiġifieri ta' natura temporanea; u l-lum l-istess Kummissjoni ma tistax iċċaħħad lir-rikorrenti mill-ispiża tax-xogħlijiet ta' natura permanenti li riedu jagħmlu bir-rikostruzzjoni tas-soqfa, li b'neċessità inevitabbli kellhom jinħattu biex jerġgħu jinbnew, sabiex ikunu jistgħu jinħattu u jerġgħu jinbnew l-istess ħitan ta' taħthom, li l-Kummissjoni ammettiet meta ffissat il-"permissible amount". U tabilħaqq, il-Qorti ma tistax tifhem b'liema kriterju ta' loġika jista' wieħed jippretendi li jitneħħew il-ħitan mingħajr ma jitneħħew is-soqfa poġġuti fuqhom;

**Ikkunsidrat;**

Illi huwa minnu li, meta saru t-tiswijiet fis-sena 1944, in konnessjoni mal-ħlas tal-Kummissjoni saru xi dikjarazzjonijiet li donnhom kienu juru l-fehma li x-xogħolijiet li allura saru ma kienux ta' natura temporanea. Iżda b'dana

kollu l-fatti juru li, ħaseb x'ħaseb ħadd ieħor, dawk ix-xogħolijiet ma kienux ta' natura permanenti, għax bilfors kellhom jiġu ripetuti meta jinħattu u jerġgħu jinbnew il-ħitan; u "contra factum non est argumentum". Il-Qorti għandha tara u toqgħod fuq dak li effettivament sar, u mhux fuq kif ġie msejjaħ dak li sar. "Id sequimur quod actum est" (Ulp. L. 17, ff. 34, de reg. jur.);

Fl-aħħar mill-aħħar, għandu jiġi rilevat ukoll li fl-okkażjoni ta' meta sar il-ħlas lill-Anglo-Maltese Bank, fit-trattattivi u korrispondenza ma jidherx li kienet qegħedha tingħata wisq importanza lid-distinzjoni bejn "cost of works" u "temporary repairs cost"; u l-kwistjoni ta' dik id-distinzjoni propjament intqajmet wara. Għalhekk il-Qorti ma tarax li għandu jinġibed argument kontra r-rikorrenti mid-dikjarazzjonijiet li saru mill-Anglo-Maltese Bank fuq in-natura tat-tiswijiet, meta l-fatti juru xort'oħra, u meta fil-korrispondenza saret espressa riferenza għas-sezzjoni 20 (1) tal-War Damage Ordinance, fejn iddistingwiet hija bejn "cost of works" u "value payment" biss;

Għal-dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti; bl-ispejjeż kontra l-intimati.